



**KUNSILL  
TAL-UNJONI EWROPEA**

**Brussell, 14 ta' Frar 2012  
(OR. en)**

**5651/12**

**Fajl Interistituzzjonali:  
2010/0361 (NLE)**

**LIMITE**

**AUDIO 6  
MI 46  
TELECOM 14  
CATS 5  
COJUR 4  
OC 24**

**ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA**

---

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-konklużjoni, fisem l-Unjoni, tal-Konvenzjoni Ewropea fuq il-Protezzjoni Legali tas-Servizzi ibbażati fuq, jew tikkonsisti minn, Aċċess Kondizzjonali

**LINJI GWIDA KOMUNI**

**Skadenza għall-konsultazzjoni tal-Kroazja: 16.2.2012**

---

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

ta'

**dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni, tal-Konvenzjoni Ewropea  
fuq il-Protezzjoni Legali tas-Servizzi Ibbażati fuq, jew tikkonsisti minn, Aċċess Kondizzjonali**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropew, u b'mod partikolari l-Artikolu 114 flimkien mal-Artikolu 218(6)(a)(v) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-kunsens tal-Parlament Ewropew,

Billi:

- (1) Fis-16 ta' Lulju 1999, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni sabiex tinnegozja fi ħdan il-Kunsill tal-Ewropa, f' isem il-Komunità Ewropea, konvenzjoni rigward il-protezzjoni legali tas-servizzi ibbażati fuq, jew tikkonsisti minn, aċċess kondizzjonali.
- (2) Il-Konvenzjoni Ewropea dwar il-Protezzjoni Legali tas-Servizzi ibbażati fuq, jew tikkonsisti minn, Aċċess Kondizzjonali ("il-Konvenzjoni") ġiet adottata mill-Kunsill tal-Ewropa fl-24 ta' Jannar 2001 u daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2003.
- (3) Il-Konvenzjoni tistabbilixxi qafas regolatorju li huwa kważi identiku għal dak imwaqqaf fid-Direttiva 98/84/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Novembru 1998 dwar il-protezzjoni legali ta' servizzi bbażati fuq, jew li jikkonsistu minn, aċċess kondizzjonali<sup>1</sup>.
- (4) Permezz tal-adozzjoni tad-Direttiva 98/84/KE, l-Unjoni eżerċitat il-kompetenza interna tagħha fl-oqsma koperti mill-Konvenzjoni ħliet fir-rigward tal-Artikoli 6 u 8 tagħha, sa fejn l-Artikolu 8 huwa relatat mal-miżuri fl-Artikolu 6. Għalhekk il-Konvenzjoni għandha tiġi approvata kemm mill-Unjoni kif ukoll mill-Istati Membri tagħha.

---

<sup>1</sup> ĠU L 320, 28.11.1998, p. 54.

- (5) Fil 21 ta' Diċembru 2011, f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/853/UE<sup>1</sup>, il-Konvenzjoni ġiet iffirmata f'isem l-Unjoni.
- (5) Il-konklużjoni tal-Konvenzjoni għandha tgħin biex l-applikazzjoni ta' dispożizzjonijiet simili għal dawk tad-Direttiva 98/84/KE tiġi estiża lil hinn mill-fruntieri tal-Unjoni u tistabbilixxi liġi dwar servizzi bbażati fuq aċċess kondizzjonali li tkun applikabbli fil-kontinent Ewropew kollu.
- (7) Il-Konvenzjoni għandha tiġi approvata f'isem l-Unjoni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

---

<sup>1</sup> ĠU L 336, 20.12.2011, p. 1.

### *Artikolu 1*

Il-Konvenzjoni Ewropea dwar il-Protezzjoni Legali tas-Servizzi ibbażati fuq, jew tikkonsisti minn, Access Kondizzjonali hija b'dan approvata fisem l-Unjoni Ewropea.<sup>1</sup>

### *Artikolu 2*

1. Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat sabiex jinnomina l-persuna jew persuni bis-setgħa li jiddepożita(w) fisem l-Unjoni l-istrument tal-approvazzjoni previst fl-Artikolu 12 tal-Konvenzjoni, sabiex jesprimi/u l-kunsens tal-Unjoni li tintrabat biha.
2. Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat li jinnomina l-persuna jew persuni bis-setgħa li joħroġ/joħorġu d-dikjarazzjoni dwar il-qsim tal-kompetenzi bejn l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha kif imniżżel fl-Anness, fil-mument tad-depożitu tal-istrument tal-approvazzjoni.

---

<sup>1</sup> ĠU L 336, 20.12.2011, p.2.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

---

## Anness

Dikjarazzjoni dwar id-diviżjoni tal-kompetenzi tal-Unjoni u l-Istati Membri tagħha:

"L-Unjoni Ewropea ma eżerċitatx il-kompetenza tagħha fir-rigward tal-Artikoli 6 u 8 tal-Konvenzjoni, sa fejn l-Artikolu 8 huwa relatat mal-miżuri skont l-Artikolu 6. Kwalunkwe miżuri fl-Artikoli 6 u 8 tal-Konvenzjoni, sa fejn l-Artikolu 8 huwa relatat mal-miżuri skont l-Artikolu 6, ser tiġi implimentata mill-Istati Membri."